Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TNEJN U TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 12 ta' Mejju 2010

**Ħin:** Mill-5.35pm sas-7.25pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio

**1. Korrezzjoni tal-Minuti tal-Wieħed u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Wieħed u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 21 ta' April 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Fuq mozzjoni tal-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio, il-Kunsill unanimament qabel li jemenda l-minuti sabiex tizdied item bl-isem "12. Affarijiet Oħra" li taqra "Il-Kunsillier G. Borg staqsa jistax jindaga dwar il-proġett ta' Wesgħa Prof. G. Aquilina u fuq proposta tas-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar, il-Kunsill taħ il-*go ahead*. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ħdejn l-emenda biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Wieħed u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Il-Minuti tal-Wieħed u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 21 ta' April 2010, kif emendati, kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**3. Mill-Minuti.**

1. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi huwa tkellem ma l-Onor. Dr. T. Borg dwar il-proġett fejn ġie mitlub jikteb lill-Onor. Dr. C. Said u jibgħat kopja ta' l-ittra lill-Dr. T. Borg. Il-Kunsillier G. Borg qal li qabel jikteb l-ittra xtaq jressaq dan lill-Kunsill.

   Il-Kunsill unanimament qabel li jipprepara *brief* bid-dettalji tal-proposta u pjanti li għandna sabiex jipprezentaħ lis-Segretarju Parlamentari Dr. C. Said.

Il-Kunsill innota li l-għazliet li għandhu l-Kunsill huma jew li l-proġett isir permezz ta' *public/private partnership* jew li jissellef il-flus wara li jsir *referendum*, ta' l-aħħar tkun tfisser li dan il-Kunsill ikun qed jorbot lill-Kunsilli ta' wara li jħallsu l-*loan* bl-interessi u dan ifisser li xogħol ieħor fuq toroq eċċ ma jkunx jista jsir.

2. Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi wara li saret l-applikazzjoni għal-fondi ta' l-EU biex isir il-proġett ta' l-*embellishment* tal-pjazza, huwa tkellem ma Dr. C. Said li minn naħa tiegħu talab li jingħata *brief* dwar il-proġett sabiex jgħin kif jista' biex il-proġett jingħata l-fondi neċessarji. Il-Kunsill unanimament qabel li jipprepara dan il-*brief.*

3. Is-Sindku nnota li wara li jinfetaħ il-*ground* tal-Lija/Balzan l-Kunsill għandu jara kif jista jsir proġett biex flimkien ma entitajiet bħal-*University Residence*, *Moulin D'Or* u l-iskola primarja biex jiġi promoss l-isport u anki jiġbed *tournaments* u turismu sportiv. Il-Kunsill qabel li fuq din il-materja wieħed jista jiddiskuti aktar il-quddiem. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea għandu jikkommunika mas-sid tal-Moulin D'Or fuq il-proposta.

4. Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill *petition* li rċieva mingħand ir-residenti ta' Triq l-Imdina u toroq tal-madwar dwar "Villa Carmar" u s-suspett tagħhom li din ser issir uffiċini. Il-Kunsill innota l-*petition*. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill Kunsill illi l-ittra ta' l-ilment li l-Kunsill irċieva kienet intbagħet lic-Chairman tal-MEPA li minn naha tiegħu nfurmana li bagħatha lill-*Enforcement Section*. Il-Kunsill innota li ma tistax issir oġġezzjoni f'dan l-istadju peres li ma hemmx applikazzjoni quddiem il-MEPA.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara li twaħħal avviz ta' zvilupp fuq il-propjetajiet 57, 58, 59 u 60 fi Triq il-Kbira kien avviċinat minn residenti biex naraw x'tip ta' zvilupp ser isir u huwa talab lis-Segretarju Ezekuttiv tipprepara ittra ta' oġġezzjoni fuq l-istess linji ta' l-oġġezzjoni li saret fuq l-istess post fil-passat. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill *draft* ta' l-ittra bir-referenza K.L.B. 2/15/10 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill emenda l-ittra kif jidher mid-dokument mehmuz u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tibgħatha b'urġenza.

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li twaħħal l-avviz ta' zvilupp fuq il-propjeta 57, 58, 59 u 60 fi Triq il-Kbira ġie mitlub jagħti intervista minn Favourite TV u huwa kien ser jgħid dak li kien diġa qal fil-passat li l-Kunsill ser joġezzjona fuq punti legali.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi inħareġ avviż li ser isiru klassijiet ta' l-Aerobics u Pilates bejn Settembru u Novembru 2010. Il-ħlas li ser ikun mitlub għal-klassijiet ta' l-Aerobics huwa ta' €16 għal-10 *sessions* ta' siegħa u fil-kaz tal-Pilates il-ħlas huwa ta' €22 għal-10 *sessions* ta' siegħa. Il-Kunsill talab li tingħata lill-Kappillan kopja ta' l-avviz sabiex jinqara ma l-avvizi li jsiru wara l-quddies ta' nhar ta' Ħadd.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi waslet biex tippubblika s-sejħa ta' l-offerti għal-ġbir ta' skart domestiku, wara li ngħata l-permess tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser jiġi emendati d-dokument ta' l–offerta biex nħar is-Sibt jinġabar il-*green waste* sseparat.

9. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wasal ilment li l-kollettur ta' l-iskart domestiku kien qed jitfa fl-iscammel u jħallat boroz grizi u suwed. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Greenpak li minn naħa tagħhom għamlu *inspection* u kelmuh u rrizulta li kien tefa' xi boroz grizi fuq xkaffa ġewwa t-trakk biex iħotthom f'kantuniera biex jiġborhom wara.

Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill illi l-informazzjoni li waslet lilu kienet li l-persuna li għamlet l-ilment kienet wara t-trakk u bidet idoqqlu biex jersaq għax kienet magħġla u bil-fixla tefa borza ġriza fl-iscammel.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-persuna kkonċernata kienet telgħet tagħmel ilment fl-uffiċċju u wara ċemplet biex tara x'azzjoni ttieħdet fejn infurmajnieha dwar l-*inspection* li saret.

10. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-minuti ta' laqgħa li saret fis-26 ta' April 2010 ma Rapprezentanti ta' Greenpak (mehmuza).

11. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-minuti ta' laqgħa li saret fis-26 ta' April 2010 ma Rapprezentanti tal-KMS (mehmuza).
12. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill rapport bit-titlu "Periodic review of Risk Assessment" li jġib id-data tat-12 ta' Marzu 2010, fir-rigward tal-Ġnien tal-Playing Field (mehmuza). Is-Segretarju Ezekutiv infurmat lill-Kunsill illi wara ltaqgħet ma rapprezentanti ta' l-*Environmental Landscapes Consortium Ltd* u ftehmet li ssir hedge fil-post indikat bħala perikuluz fir-rapport. Il-Viċi-Sindku nnota li l-*hedge* għadha ma saritx.

13. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill informazzjoni ppreparata minn Greenpak dwar skart isseparat li ngabar minn Greenpak nhar ta' Tlieta għax xhur ta' Marzu u April 2010 u minn *bring-in-sites* f'Ħal Balzan (mehmuz). Skond ir-rapport jidher li l-*bring-in-sites* ta' Ħal Balzan jiġbru ħafna aktar mill-medja li tinġabar minn *bring-in-sites* oħra f'Malta u Għawdex.

## 4. <u>Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn it-22 ta' April 2010 u lt-12 ta' Mejju 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ippreżentata li jġib id-data tat-12 ta' Mejju 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 425/10:** L-invit mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Kulturali Nazzjonali. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jattendi l-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea biex jirraprezenta lill-Kunsill.

**Ittra Numru 424/10:** L-ittra mit-Trasport Malta dwar "*No Entry* fi Triq San Frangisk u Triq San Gabriel ġiet innutata. ll-Il-Kunsill qed jistenna risposta dwar appuntament għal-laqgħa.

**Ittra Numru 414/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Laqgħa ta' informazzjoni dwar l-iSkema ta' Għajnuna Finanzjarja għal-Korsijiet *Lifelong Learning*. Is-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier G. Borg ser jattendu.

**Ittra Numru 413/10:** Il-permess ta' Trasport Malta biex jinzebgħu r-*road markings* quddiem il-*carport* ta' propjeta bin-numru 3 fi Vjal Sir Michaelangelo Refalo Avenue ġie nnutata. Ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Ittra Numru 395/10:** L-ittra mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar Skema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli fejn dan il-Kunsill flimkien ma Kunsilli oħra u l-Kulleġġ Santa Tereza ngħataw €20,000 biex jitwettaq il-proġett ġiet innutata.

**Ittra Numru 394/10:** L-ittra mit-Trasport Malta dwar il-permess li nħareġ biex issir *Junction Box in De Paule Avenue c/w Old Railway Road* ġiet innutata.

**Ittra Numru 393/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema dwar Attivitajiet Sportivi ġiet innutata.

**Ittra Numru 367/10:** L-ittra ta' stedina għal-seminar mill-ETC ġiet innutata. Il-Kunsillier J. Cassar attenda u nforma lill-Kunsill dwar l-iskemi ta' għajnuna li jezistu.

Petizzjoni bla Numru mingħand persuni/residenti li għandhom propjeta viċin Old Smuggler's Pub fi Triq il-Kbira. Il-petizzjoni ġiet innutata. Il-Kunsill innota ladarba ma hemmx applikazzjoni għal-permess mhux kaz li l-Kunsill jieħu azzjoni.

## 5. *Management Letter* għad-disa' xhur April – Diċembru 2009.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Management Letter* għad-disa' xhur mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 flimkien ma l-ittra minn-National Audit Office u kopja tar-Rapport ta' l-Awditur għas-sena 2009 (mehmuz). L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur M. Debono u s-Segretarju Ezekuttiv ippreparaw risposta għal-*Managaement Letter* ta' l-awditur bir-referenza K.L.B. 9/001/10 li tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Kunsill (mehmuza). Fuq proposta tas-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio, il-Kunsill għamel emenda f'punt numru 8.6 sabiex flok il-kliem "*vanished in the meantime*" tiddaħħal il-kelma "*absconded*". Ir-risposta għal-*Management Letter,* kif emendata, ġiet approvata unanimament.

## 6. Rapport dwar l-ilmenti.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport dwar l-ilemnti pendenti li jġib id-data tat-12 ta' Mejju 2010 (mehmuz).

**Ilment Numru 17010061123649:** Il-Viċi-Sindku għandu jizbogħoħ il-marki tar-*road hump* li hemm fi Triq it-Tliet Knejjes mill-ġdid.

**Ilment Numru 17010061123155:** Il-Kunsill innota l-ilment u l-fatt li diġa ntbagħtet ittra bl-istess ilment lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u liċ-Chairman tal-MEPA li minn naha tiegħu għadda l-kaz lill-*Enforcement Section*. Peres li f'dan l-istadju ma hemmx applikazzjoni quddiem il-MEPA l-Kunsill ma jistax jagħmel oġġezzjoni.

**Ilment Numru 17010048123274:** Il-Kunsill unanimament qabel li jinżebgħu 1 *metre double yellow lines* fil-kantuniera tal-Wied ta' Ħal Balzan man-naħa tad-dħul ta' *Buontempo Estate*.

**Ilment Numru 17010055123772:** Il-Kunsill ma approvax li ssir *road hump* fi Triq Mons. F. X. Zahra għax ma hemmx distanza li fiha jista jsiru tabelli biex tkun indikata l-*hump* u għaldaqstant tista tkun ta' aktar periklu

**Ilment Numru 17010076123871:** Il-Kunsill unanimament qabel li għandhom jinxtraw sitt *doggy litters bins* u dawn għandhom jitqiegħdu kif indikat fuq il-pjanta mehmuza.

**Ilment Numru 17010094124237:** Il-Kunsill innota l-ilment dwar l-appkikazzjoni li saret lill-MEPA dwar propjeta numru 57, 58, 59, u 60 fir Triq il-Kbira u approva li tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni aktar kmieni f'din l-istess laqgħa.

**Ilment Bla Numru** Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill li kellu talba biex titqiegħed *shade* mal-lampa li hemm fuq in-naha ta' wara tal-Knisja għax qed iddejjaq lir-resident. Il-Kunsill unanimament qabel li għandha ssir.

**Ilment Bla Numru** Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill illi s-sid il-ġdid ta' *Macey Store* qed jitlob li ssir *armco barrier* quddiemu minħabba fil-periklu. Huwa nnota li diġa hemm permess ta' l-ADT biex din issir. Il-Kunsill unanimament qabel li għandha ssir. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tordnaħħa.

**Ilment Bla Numru** Is-Sindklu nnota li hemm bzonn issir tabella "No Left Turn" fi Triq Bir Bal kantuniera ma Triq San Franġisk. Il-Viċi-Sindku ser jieħu ħsieb iwaħħalha għada.

**7. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-12 ta' Mejju 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €10,770.04 u skeda ta' l-infieq mill-Petty Cash li sar għax-xahar ta' April 2010 li jammonta għas-somma ta' €29.52. . .

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mis-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea.

Il-Kunsill unanimament approva l-ħlasijiet li saru qabel il-laqgħa u li jsiru l-ħlasijiet li kien għadhom ma sarux. L-iskeda ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**8. Affarijiet Oħra.**

Il-Viċi-Sindku talab li tintbagħat ittra lill-Kazin Marija Annunzjata li din is-sena jmisshom jieħdu ħsieb it-tombla, sabiex ġimgħa qabel Lejla Balzanija li din is-sena ser titella' fid-9 ta' Lulju, jipprezentaw kopja tal-permess meħtieġ biex jorganizzaw it-tombla.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 2 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data